A.L. 133 ta' l-1995

ATT TA' L-1991 BIEX IĦARES L-AMBJENT (ATT NRU. V TA' L-1991)

Regolamenti ta' l-1995 dwar il-Kontroll ta' Sustanzi li qed Ixejjnu l-*Ozone Layer* fil-Ħarsien ta' l-Ambjent

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 13 u 16 ta' l-Att ta' l-1991 biex Iħares l-Ambjent, il-Ministru għall-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1995 dwar il-Kontroll ta' Sustanzi li qed Ixejjnu l-*Ozone Layer* fil-Ħarsien ta' l-Ambjent.

(2) Ir-regolamenti 1 u 2 u l-Iskedi A, B, Ċ u D ta' dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fid-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti, u d-dispożizzjonijiet li jifdal tar-regolamenti l-oħra kollha għandhom jibdew iseħħu fil-jum li jiġi minnufih wara li jgħaddu tliet xhur kalendarji mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

Lista ta' sustanzi potenzjalment tossiċi.

2. (1) Qiegħed b'dan jiġi indikat li skond l-artikolu 13 ta' l-Att ta' l-1991 biex Iħares l-Ambjent, is-sustanzi kontrollati li hemm fl-Iskedi A, B, Ċ u D li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti, huma sustanzi potenzjalment tossiċi.

(2) Għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti, "sustanzi kontrollati" tfisser kull sustanza sew jekk din teżisti waħedha jew f'taħlita u tinkludi kull *isomer* ta' kull sustanza simili, ħlief kif speċifikat fl-Iskeda rilevanti, iżda teskludi sustanza kontrollata jew taħlita li tkun tinsab fi prodott manifatturat li ma jkunx kontenitur li jintuża għat-trasportazzjoni jew ħażna ta' dik is-sustanza.

(3) Għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti, "Direttur" tfisser l-Uffiċjal responsabbli għad-Dipartiment ta' l-Ambjent kif imsemmi fil-paragrafu (b) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1991 biex iħares l-Ambjent.

(4) Għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti, "Dipartiment" tfisser id-Dipartiment għall-Ħarsien ta' l-Ambjent.

Skop.

3. Dawn ir-regolamenti huma maħsuba sabiex jikkontrollaw l-importazzjoni, l-esportazzjoni, l-użu, it-trasport, il-ħażna, il-qirda jew it-tneħħija ta' sustanzi kontrollati li huma meqjusa bħala potenzjalment tossiċi sabiex dawn is-sustanzi jiġu limitati u mneħħija għal kollox ftit ftit b'mod konformi mal-obbligazzjonijiet internazzjonali ta' Malta.

Maniġġar ta' sustanzi kontrollati.

4. Ħadd ma jista' jimporta, jesporta, juża, jittrasporta, jaħżen, jeqred jew jarmi xi sustanza kontrollata kemm-il darba persuna ma jkollhiex l-approvazzjoni bil-quddiem li tingħata bil-miktub mill-Ministru responsabbli għall-ambjent biex tagħmel dan.

Importazzjoni ta' sustanzi kontrollati.

5. (1) Qabel ma tiġi importata xi sustanza kontrollata, l-importatur għandu jitlob u jakkwista permess mingħand id-Dipartiment.

(2) Jenħtieġ li jingħata dan it-tagħrif li ġej dwar is-sustanzi kontrollati:

(a) il-pajjiż mnejn oriġinaw;

(b) isem id-ditta u *trade mark,* jekk dawn ikollhom;

(ċ) l-isem kimiku korrett;

(d) il-formola kimika li għandha għarfien internazzjonali;

(e) il-piż nett f'kilogrammi u/jew f'tunnellati metriċi; u

(f) isem il-manifattur u l-indirizz tiegħu:

Iżda jekk is-sustanzi kontrollati jkunu qegħdin f'taħlita, għaldaqstant kull sustanza għandha tiġi identifikata bl-isem kimiku u bil-formola tagħha, u għandu jiġi dikjarat ukoll x'ikun il-piż ta' kull sustanza kontrollata li tkun tikkostitwixxi dik it-taħlita.

(3) Għandha tingħata wkoll id-destinazzjoni finali tas-sustanzi kontrollati billi jiġu dikjarati l-isem u l-indirizz ta' min ikun ser jużahom, flimkien mal-piż ta' kull sustanza kontrollata relattiva. Għandu jiġi dikjarat fejn is-sustanza kontrollata ħa tiġi merfugħa jew miżmuma. Jekk id-destinazzjoni finali ma tkunx magħrufa meta ssir l-applikazzjoni għall-permess, għandu jingħata l-indirizz ta' fejn is-sustanza kontrollata tkun se tinħażen jew tinżamm.

(4) Għandu jiġi dikjarat ukoll xi jkun l-iskop finali tas-sustanzi kontrollati elenkati, bħalma huma r-refriġerazzjoni, *foams* flessibbli u riġidi, elettronika, tifi tan-nar fl-avjazzjoni, kif ukoll kull użu jew skop finali ieħor.

(5) Ma titħalliex issir l-importazzjoni ta' sustanzi kontrollati kemm-il darba t-tagħrif kollu meħtieġ b'dan ir-regolament ma jkunx ingħata lid-Dipartiment.

Kontrolli mid-Dipartiment.

6. (1) Id-Dwana ma għandha tirrilaxxja ebda sustanza kontrollata kemm-il darba t-talba għal dak ir-rilaxx ma tkunx imsieħba bl-approvazzjoni bil-miktub tad-Dipartiment. Ebda sustanza kontrollata ma għandha tiġi rilaxxata minn fejn tkun temporanjament maħżuna mingħajr l-approvazzjoni bil-miktub minn qabel tad-Dipartiment.

(2) Id-Dipartiment ikollu aċċess biex jispezzjona l-post tal-ħażna, jew fejn jintrefgħu jew jinżammu wkoll jekk għal żmien temporanju, dawk is-sustanzi kontrollati. Id-Direttur jista' wkoll jispeċifika it-tip ta' informazzjoni li għandha tinżamm rigward ħażniet ta' sustanzi kontrollati li jkunu jinsabu fejn dawn jintrefgħu jew jinżammu wkoll jekk temporanjament.

Responsabbiltà ta' l-importatur taħt liġijiet oħra.

7. Il-fatt li tingħata l-approvazzjoni bil-miktub tad-Dipartiment, ma jeħlisx lill-importatur minn kull obbligazzjoni oħra minnu meħtieġa bis-saħħa ta' kull liġi oħra li tkun fis-seħħ f'dak iż-żmien.

Dawn ir-regolamenti jgħoddu wkoll għal dipartimenti, eċċ.

8. Dawn ir-regolamenti għandhom ikunu jgħoddu wkoll għal dipartimenti tal-Gvern oħra, organizzazzjonijiet, industriji u korporazzjonijiet Statali jew parastatali ukoll jekk is-sustanzi kontrollati jiġu direttament importati minnhom.

SKEDA A

SUSTANZI KONTROLLATI

Grupp	Sustanza
Grupp I	
$CFCl_3$	(CFC-11)
CF_2Cl_2	(CFC-12)
$C_2F_3Cl_3$	(CFC-113)
$C_2F_4Cl_2$	(CFC-114)
C_2F_5Cl	(CFC-115)
Grupp II	
CF_2BrCl	(*halon*-1211)
CF_3Br	(*halon*-1301)
$C_2F_4Br_2$	(*halon*-2402)

SKEDA B

SUSTANZI KONTROLLATI

Grupp	Sustanza
Grupp I	
CF_3Cl	(CFC-13)
C_2FCl_5	(CFC-111)
$C_2F_2Cl_4$	(CFC-112)
C_3FCl_7	(CFC-211)
$C_3F_2Cl_6$	(CFC-212)
$C_3F_3Cl_5$	(CFC-213)
$C_3F_4Cl_4$	(CFC-214)
$C_3F_5Cl_3$	(CFC-215)
$C_3F_6Cl_2$	(CFC-216)
C_3F_7Cl	(CFC-217)
Grupp II	
CCl_4	carbon tetrachloride
Grupp III	
$C_2H_3Cl_3$*	1,1,1-trichloroethane (methyl chloroform)

* Din il-formula ma tirriferix ghal 1,1,2-trichloroethane.

SKEDA Ċ

SUSTANZI KONTROLLATI

Grupp I

$CHFCl_2$	(HCFC-21)**
CHF_2Cl	(HCFC-22)**
CH_2FCl	(HCFC-31)
C_2HFCl_4	(HCFC-121)
$C_2HF_2Cl_3$	(HCFC-122)
$C_2HF_3Cl_2$	(HCFC-123)
$CHCl_2CF_3$	(HCFC-123)**
C_2HF_4Cl	(HCFC-124)
$CHFClCF_3$	(HCFC-124)**
$C_2H_2FCl_3$	(HCFC-131)
$C_2H_2F_2Cl_2$	(HCFC-132)
$C_2H_2F_3Cl$	(HCFC-133)
$C_2H_3FCl_2$	(HCFC-141)
CH_3CFCl_2	(HCFC-14lb)**
$C_2H_3F_2Cl$	(HCFC-142)
CH_3CF_2Cl	(HCFC-142b)**
C_2H_4FCl	(HCFC-151)
C_3HFCl_6	(HCFC-221)
$C_3HF_2Cl_5$	(HCFC-222)
$C_3HF_3Cl_4$	(HCFC-223)
$C_3HF_4Cl_3$	(HCFC-224)
$C_3HF_5Cl_2$	(HCFC-225)
$CF_3CF_2CHCl_2$	(HCFC-225ca)**
CF_2ClCF_2CHClF	(HCFC-225cb)**
C_3HF_6Cl	(HCFC-226)
$C_3H_2FCl_5$	(HCFC-231)
$C_3H_2F_2Cl_4$	(HCFC-232)
$C_3H_2F_3Cl_3$	(HCFC-233)
$C_3H_2F_4Cl_2$	(HCFC-234)
$C_3H_2F_5Cl$	(HCFC-235)
$C_3H_3FCl_4$	(HCFC-241)
$C_3H_3F_2Cl_3$	(HCFC-242)
$C_3H_3F_3Cl_2$	(HCFC-243)
$C_3H_3F_4Cl$	(HCFC-244)
$C_3H_4FCl_3$	(HCFC-251)
$C_3H_4F_2Cl_2$	(HCFC-252)
$C_3H_4F_3Cl$	(HCFC-253)
$C_3H_5FCl_2$	(HCFC-261)
$C_3H_5F_2Cl$	(HCFC-262)
C_3H_6FCl	(HCFC-271)

** Jidentifika l-iktar sustanzi kummerċjalment użati.

Grupp II

$CHFBr_2$	
CHF_2Br	(HBFC-22B1)
CH_2FBr	
C_2HFBr_4	
$C_2HF_2Br_3$	
$C_2HF_3Br_2$	
C_2HF_4Br	
$C_2H_2FBr_3$	
$C_2H_2F_2Br_2$	
$C_2H_2F_3Br$	
$C_2H_3FBr_2$	
$C_2H_3F_2Br$	
C_2H_4FBr	
C_3HFBr_6	
$C_3HF_2Br_5$	
$C_3HF_3Br_4$	
$C_3HF_4Br_3$	
$C_3HF_5Br_2$	
C_3HF_6Br	
$C_3H_2FBr_5$	
$C_3H_2F_2Br_4$	
$C_3H_2F_3Br_3$	
$C_3H_2F_4Br_2$	
$C_3H_2F_5Br$	
$C_3H_3FBr_4$	
$C_3H_3F_2Br_3$	
$C_3H_3F_3Br_2$	
$C_3H_3F_4Br$	
$C_3H_4FBr_3$	
$C_3H_4F_2Br_2$	
$C_3H_4F_3Br$	
$C_3H_5FBr_2$	
$C_3H_5F_2Br$	
C_3H_6FBr	

SKEDA D

SUSTANZI KONTROLLATI

Grupp	Sustanza
CH_3Br	Methyl Bromide.